2024/2676

11.10.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/2676

## tad-9 ta' Ottubru 2024

## dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1691 (ATALANTA/3/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, li tipprevedi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA).

(2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(3) Fil-11 ta' Ġunju 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1691 ([2]) li ħatret lill-Kontrammirall Manuel ALVARGONZÁLEZ MÉNDEZ bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(4) Fit-30 ta' Lulju 2024, l-awtoritajiet militari Portuġiżi pproponew il-ħatra tal-Komodor Armando PEREIRA DA COSTA VALENTE TINOCO biex jieħu post il-Kontrammirall Manuel ALVARGONZÁLEZ MÉNDEZ bħala Kmandant tal-Forza tal-UE ("il-ħatra proposta") mill-15 ta' Ottubru 2024.

(5) Fil-31 ta' Lulju 2024, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' EUNAVFOR ATALANTA appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fil-5 ta' Awwissu 2024, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta, u rrakkomanda li l-Komodor Armando PEREIRA DA COSTA VALENTE TINOCO jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mill-15 ta' Ottubru 2024.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Armando PEREIRA DA COSTA VALENTE TINOCO bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(8) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1691 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komodor Armando PEREIRA DA COSTA VALENTE TINOCO huwa b'dan maħtur bħala Kmandant tal-Forza tal-UE tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mill-15 ta' Ottubru 2024.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1691 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1691 tal-11 ta' Ġunju 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/570 (ATALANTA/2/2024) (ĠU L, 2024/1691, 13.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1691/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2024.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2024.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK